**Iċ-Ċentru tat-Tqassim tal-Muniti ta' Malta**

Iċ-Ċentru Malti tat-Tqassim tal-Muniti hu l-ħanut tal-Bank Ċentrali ta' Malta u xogħlu hu l-ħruġ tal-muniti kommemorattivi. Kull munita kommemorattiva li toħroġ ikollha valuta legali, minbarra l-valur intinsiku tal-kontenut ta' metall prezzjuż.

Il-Bank se jkun responsabbli wkoll għall-ħruġ tal-munita kommemorattiva taż-€2. Din il-munita, li tista' tinħareġ darba fis-sena, ikollha l-istess dehra u metall u naħa komuni tal-muniti normali taż-€2. Li jagħmilhom differenti hu d-disinn kommemorattiv fuq in-naħa nazzjonali.

Il-Bord li jagħti Pariri dwar il-Flus jirrikkmanda bosta temi lokali u internazzjonali, li mbagħad jitfasslu minn mgħallmin tas-sengħa. Il-muniti jinħadmu mbagħad fl-aktar zekek magħrufin. L-għadd imrażżan ta' muniti maħruġin u l-prezzijiet raġonevoli ifissru li x-xiri tagħhom ikun investiment fejjiedi kif ukoll tifkira għażiża ta' Malta.

F'din it-taqsima l-kolletturi jingħataw ukoll tagħrif dwar il-muniti kommemorattivi Maltin li nħarġu matul is-snin.

Għal aktar tagħrif jekk jogħġobkom ibagħtulna e-mail fuq mcdc@centralbankmalta.org.

| **Iċ-Ċentru tat-Tqassim tal-Muniti ta' Malta** |
| --- |
| Kundizzjonijiet |
| Muniti kommemorattivi Maltin maħruġa sa mill-1972 il-quddiem |
| Muniti ta' l-euro għall-kollezzjonisti maħruġa sa mill-2008 il-quddiem |
| **Muniti ta' l-euro Maltin** |
| L-Ewwel Sett Uffiċjali Malti ta' l-Euro 2008 |
| **Muniti għall-kollezzjonisti** |
| Auberge de Castille |
| La Castellania |
| **Formuli** |
| Formula biex wieħed jiżdied mal-lista tal-posta |
| Formula għall-informazzjoni/kummenti |